# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 446/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**John Debono**

Seduta tal-12 ta' Lulju, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, John Debono, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 774352M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xhur ta' Frar, 2016, Marzu, 2016 u April 2016 f'dawn il-Gzejjer naqas milli jaghti lil Carmela Xerri, is-somma, ifissata min dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak li-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Ottubru, 2016 li biha fuq ammissjoni sabet lill-imsemmi imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal xahrejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' John Debono, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** is-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu sejbien ta' htija izda tirrevokaha u thassarha kwantu l-piena billi tkun applikata piena anqas harxa fic-cirkostanzi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi fl-appell odjern l-appellant jilmenta mis-sentenza appellata kwantu ll-piena erogata mill-ewwel Qorti li fil-fehma tieghu kellha tkun wahda aktar miti stante ammissjoni bikrija kif ukoll illi r-raguni ghaliex ma hallasx il-manteniment huwa dovut sia ghal-ragunijet ta' sahha kif ukoll ghaliex ma ghandu l-ebda introjtu u mezzi u ghalhekk in-nuqqas ta' ottemperanza minn naha tieghu certament mhix dovuta ghal xi kapricc;

2. Illi fis-seduta tal-lum, l-kwerelanta kkonfermat quddiem din il-Qorti illi l-appellant ottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti fl-obbligu tieghu li jivversa dik ir-retta alimentari lamentata fl-imputatazzjoni;

3. Illi ghad illi mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti sia kwantu jolqot l-apprezzament tal-fatti kif ukoll kwantu l-piena erogata hlief jekk dik il-Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal-dik il-konkluzzjoni, ukoll fil-kaz meta jekk il-piena ma tkunx fil-parametri tal-ligi, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;

4. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati, tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannatu ghal-piena ta' xaharejn detenzzjoni u minflok tikkudnannah ghal-twiddiba.